*24 ta' Novembru, 2011*

116/2011

## IL-KUMMISSJONI EMIGRANTI TOFFRI GĦAJNUNA OĦRA LIR-REFUĠJATI

It-Taqsima Refuġjati tal-Kummissjoni Emigranti tifhem id-diffikultà li wħud mir-refuġjati li hawn Malta jsibu biex iħallsu s-somma ta' 58 Ewro biex japplikaw għall-permess tax-xogħol. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni għamlet l-arranġamenti meħtieġa biex dawk li ma jistgħux iħallsu din is-somma jkunu jistgħu jissellfuha jew almenu parti minnha.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tixtieq tieħu din l-opportunità li tirringrazzja lill-Gvern f'isem il-kategoriji kollha tar-refuġjati li hawn Malta għad-deċiżjoni għaqlija li jħalli lir-refuġjati, lil dawk mogħtija Protezzjoni Sussidjarja u Protezzjoni Umanitarja Temporanja u lil *Asylum Seekers,* li jaħdmu bil-permess tax-xogħol.

Il-Kummissjoni Emigranti qed titlob lill-Gvern jikkunsidra l-possibiltà li joffri wkoll:

i) lil dawk ir-refuġjati li jaħdmu bil-permess tax-xogħol u joqgħodu għal rashom, il-benefiċċji li jingħataw lill-Maltin għall-ħlas tal-benefiċċju tas-sigurta soċjali.

ii) *children's allowance* lil dawk ir-refuġjati li joqgħodu għal rashom u għandhom aktar minn tarbija waħda.